**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xagħra

It-Tmien Leġislatura

**Laqgħa Numru Ħamsa u Erbgħin (45)**

**25 ta' Jannar 2022**

Il-Kunsill Lokali Ix-Xagħra ltaqa' fil-5.30 ta' filgħaxija b'mod virtwali. Dan minħabba ċ-ċirkostanzi attwali relatati mal-pandemija tal-Covid-19.

**PREŻENTI:**

Dr. Christian Zammit – Sindku
Aaron Agius – Viċi Sindku
Stefan Bajada - Kunsillier
Victor John Curmi – Kunsillier
Anthony Attard – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

n/a

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Ivan Attard – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Dr. Christian Zammit ippresieda l-laqgħa.

**45.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

45.1.1 Ma ġewx ippreżentati ittri ta' apoloġija mill-Kunsilliera għal din il-laqgħa.

**45.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

45.2.1 Il-Kunsill approva unanimament il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru 44 li saret nhar l-Erbgħa 22 ta' Diċembru 2021.

**45.3 Komunikazzjonijiet tas-Sindku**

45.3.1 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li, matul din il-gimgha, l-ufficcju tal-Kunsill qed jinfetah mill-haddiem Adrian Parnis li huwa haddiem tal-*Community Workers Foundation* assenjat maghna. Dan peress li kemm is-Segretarju Ezekuttiv Ivan Attard u anke l-*Assistant Principal* Josephine Sultana jinsabu fuq kwarantina mandatorja minhabba l-Covid-19.

Fid-dawl ta' dan, is-Sindku propona li ghalissa l-ufficcju jinfetah biss mit-8.00am sa nofsinhar ghall-pubbliku filwaqt li mis-1.00pm sal-4.00pm jintlaqghu biss telefonati mir-residenti li jkollhom bzonn is-servizzi taghna. Il-Kunsill ma qabilx ma' din il-proposta pero' gie deciz li, in vizta tas-sitwazzjoni attwali, l-ufficcju ma jinfetahx nhar is-Sibt 29 ta' Jannar 2022.

Fir-rigward tal-granet l-ohra (mit-Tnejn sal-Gimgha), l-ufficcju amministrattiv ghandu jibqa' jinfetah skont il-hinijiet normali tax-xoghol u dan sabiex ir-residenti jkunu jistghu jibqghu jinqdew bl-ahjar mod possibbli.

45.3.2 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li x-xogħol ta' rikostruzzjoni ta' Triq Marsalforn jinsab miexi b'ritmu tajjeb u dan minħabba l-fatt li l-kuntrattur alloka numru ikbar ta' ħaddiema li qed jaħdmu fuq dan il-proġett.

Is-Sindku qal li l-kuntrattur infurmah li, sakemm it-temp ikun jippermetti u sakemm ma jkollux nuqqas ta' ħaddiema minħabba xi kwarantina marbuta mal-pandemija attwali, il-ħsieb hu li matul dan ix-xahar isiru l-bankini u tingħata l-ewwel kisja lill-ewwel parti tat-triq sabiex eventwalment matul ix-xahar ta' Frar / Marzu 2022 tingħata l-ewwel kisja lit-tieni parti tat-triq.

Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma ser tiffinanzja wkoll ix-xogħol kollu marbut mas-sistema tad-drenaġġ fit-triq li minn Marsalforn twassal għall-Pergla u dan bħala parti mix-xogħlijiet li qed isiru mill-istess Korporazzjoni f'din it-triq.

45.3.3 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li bħalissa qed nistennew lill-Perit Edward Scerri u lill-Inġiniera min-naħa ta' *Galea Curmi Engineering Consultants Limited* sabiex ilestu l-parti teknika tat-*tenders* neċessarji relatati mal-proġett taċ-Ċentru Ċiviku. Il-ħsieb hu li dawn it-*tenders* jiġu ippubblikati mill-aktar fis possibbli.

Is-Sindku tenna r-ringrazzjament tiegħu għan-nom tal-Kunsill lill-Ministeru għal Għawdex li qiegħed ġentilment jikkontribwixxi finanzjarjament b'somma konsiderevoli għal dan il-proġett ambizzjuż.

45.3.4 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li ninsabu fl-aħħar fażi tal-proċess għal ingaġġ ta' impjegat ġdid fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill fi skala 15.

Is-Sindku qal li l-bord li twaqqaf fil-laqgħa preċedenti sabiex jagħmel l-intervisti lill-applikanti ħejja r-rapport tiegħu li qed jitressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Ir-rapport jinnota li kien hemm erba' applikanti li resqu għall-intervista tagħhom, b'kandidata waħda biss li tottjeni l-*pass mark* neċessarja.

Fid-dawl ta' dan, is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li japprova unanimament dan ir-rapport u ser ninfurmaw lill-kandidata magħżula, is-Sinjura Cheryl Bajada, sabiex tibda l-impjieg tagħha mal-Kunsill b'effett minn nhar it-Tlieta 1 ta' Frar 2022. Ser ninfurmaw lil *Jobsplus* u lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali (Taqsima Riżorsi Umani) b'dan.

45.3.5 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li għadna qed nistennew lill-kuntrattur Mario Muscat sabiex jagħmel ix-xogħol ta' taħmil tar-*reservoir* fi Pjazza l-Vitorja. Dan ix-xogħol huwa neċessarju sabiex tkun tista' ssir sistema ta' irrigazzjoni awtomatika għall-pjanti li ġew imħawla riċentament fl-istess pjazza bħala parti minn proġett ħolistiku iffinanzjat mill-Ministeru tal-Ambjent.

Is-Sindku innota li l-kuntrattur Mario Muscat għadu qed jistenna xi xogħlijiet oħrajn min-naħa tal-kuntrattur Charlie Sultana qabel ikun jista' jagħmel dan ix-xogħol. Ser nibqgħu ninsistu mal-kuntratturi rispettivi sabiex dan ix-xogħol isir mill-aktar fis possibbli.

45.3.6 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li jinsab pre-okkupat bin-numru kbir ta' każijiet attivi ta' Covid-19 li hawn f'Għawdex fil-preżent u li qed ikollhom impatt fuq diversi attivitajiet soċjo-kulturali li kellhom jiġu organizzati għal żmien il-Karnival. Dan jinkludi d-*defile'* tradizzjonali tal-karrijiet trijonfali tal-Karnival li normalment isir f'Ħadd il-Karnival mill-Kumitat tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex.

Fuq proposta tal-Kunsillier Victor Curmi, il-Kunsill qabel li ghandna nistennew l-ezitu tar-rilaxx tal-mizuri restrittivi relatati mal-organizazzzjoni tal-attivitajiet kulturali u f'kaz li l-affarijiet jimxu 'l quddiem, naraw nistghux norganizzaw zifna tal-Kumittiva fin-Nazzarenu s-Sibt filghaxija u ohra l-Hadd wara nofsinhar. Dan dejjem skont il-protokolli mahruga mill-Awtoritajiet tas-Sahha Pubblika u wara li jkunu ngabu l-permessi kollha necessarji min-naha tal-Awtoritajiet kompetenti.

45.3.7 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li qed jagħmel ħiltu kollha sabiex jerġa' jattiva l-ftehim ta' ġemellaġġ li l-Kunsill Lokali tagħna għandu ma' diversi lokalitajiet fl-Italja u Franza. Dan peress li ċ-ċirkostanzi

relatati mal-pandemija tal-Covid-19 naqqsu mir-relazzjoni li kien hemm bejn dawn il-Kunsilli barranin.

Is-Sindku ghamel riferenza ghal artiklu li nkiteb ricentament mill-artikolista u storiku Xaghri, Dr. Aaron Attard Hili, rigward l-awtur Xaghri Laurent Ropa fejn gie skopert li Laurent Ropa jinsab midfun qrib Chevaigné li mieghu r-rahal taghna huwa gemellat. Il-Kunsill qabel li ghandna naghmlu hilitna kollha sabiex inkomplu naghtu spinta lill-gemellaggi li ghandna ma' dawn il-lokalitajiet barranin.

45.3.8 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li, fuq suġġeriment li kien hemm fil-laqgħat preċedenti, qed iressaq għad-diskussjoni t-tiżjin ta' Vjal it-Tmienja ta' Settembru u Pjazza l-Vitorja għall-festi tal-Milied. Dan qed isir bil-għan li din il-materja ma titħalliex għall-aħħar ftit xhur tas-sena iżda nibdew naħsbu għaliha minn kmieni.

Is-Sindku qal li gie ikkuntattjat mill-artist Ghawdxi, is-Sur Joseph Cauchi, dwar il-possibilita' li l-Ministeru ghal Ghawdex jikkummissjona xoghol artistiku tal-Milied ghal-lokalita' taghna ghall-Milied li gej.

Il-Kunsill qabel li ghandna nitolbu laqgha mal-Ministeru ghal Ghawdex rigward dan is-suggett u li ghaliha jkunu mistiedna rapprezentanti mill-ghaqdiet socjali tal-lokalita' taghna, inkluz l-Ghaqda 'Milied fix-Xaghra'.

45.3.9 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li nhar il-Ġimgħa 14 ta' Jannar 2022 saret laqgħa bejn numru ta' Kunsilliera (inkluż hu), is-Segretarju Eżekuttiv u l-Perita Mariella Xuereb rigward numru ta' *traffic management plans* fil-lokalita' tagħna. Dawn huma: (a) il-*junction* bejn Triq Ġnien Imrik, Triq il-Marġa u Triq il-Knisja; (b) il-*junction* bejn Triq il-Knisja, Triq Sruġ u Triq Għajn Lukin; (ċ) il-*junction* bejn Triq it-Tiġrija u Triq Għajn Qamar u (d) il-*junction* bejn Triq it-Tiġrija, Triq Vestru u Triq Għonqa.

Il-Kunsill approva unanimament il-*junctions* (a), (c) u (d).

Rigward il-*junction* bejn Triq il-Knisja, Triq Srug u Triq Ghajn Lukin, il-Kunsill qabel li ghandha ninkarigaw lill-Perita Mariella Xuereb sabiex

temendaha u minflok parti minn Triq Srug issir *one way* kif propost, isiru *speed calming measures* fi Triq Srug.

45.3.10 Il-Kunsill iddiskuta l-*performance appraisals* tas-Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard u l-impjegati klerikali fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill għas-sena 2021.

Il-Kunsill qabel unanimament li s-Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard għandu jieħu *full performance bonus* ta' 10% filwaqt li l-*Assistant Principal* Josephine Sultana u l-Uffiċjal Eżekuttiv Manolita Manicaro (li serviet fil-kariga sal-14 ta' Awwissu 2021) jieħdu *full performance bonus* ta' 6% kull waħda. Fil-każ tas-Sinjura Manolita Manicaro, il-*performance bonus* ser jinħadem *pro rata* mill-1 ta' Jannar sal-14 ta' Awwissu 2021.

45.3.11 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li nhar l-Erbgħa 19 ta' Jannar 2022, huwa kellu laqgħa mas-Supretindent Joseph Hersey, il-pulizija tal-komunita' Josef Saliba u l-Ispettur Gaby Gatt rigward l-introduzzjoni tas-servizz tal-pulizija tal-komunita' fil-lokalita' tagħna. Is-Sindku innota li dan is-servizz diġa' beda jingħata pero' se jżid fir-ritmu tiegħu fix-xhur li ġejjin.

Is-Sindku qal li l-iskop ta' dan is-servizz huwa li l-pulizija jkun aktar qrib iċ-ċittadin u, b'kollaborazzjoni mal-Kunsilli Lokali, jgħin aktar lir-resident fi kwalunkwe bżonn li jista' jkollu matul il-ġurnata. Bħalissa, il-pulizija tal-komunita' qed idur in-negozji tax-Xagħra sabiex jiffamiljarizza ruħu magħhom u fil-jiem li ġejjin, ser ikun qed jiltaqa' ma' entitajiet oħra fil-lokalita' tagħna.

Il-Kunsillier Victor Curmi propona li ghandna niktbu lill-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur Angelo Gafa', u lis-Supretindent tad-Distrett ta' Ghawdex, is-Sur Joseph Hearsey, rigward il-possibilita' li jizdiedu pulizija ohrajn tal-komunita' ghal-lokalita' taghna.

45.3.12 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li saret talba mill-ħaddiema tal-*Community Workers Foundation* assenjati magħna għal xogħol ta' knis, tindif u manutenzjoni fit-toroq sabiex jinxtara mutur li

jaqta' l-ħaxix, serrieq u *compactor* biex iballat it-*tarmac*. L-ispiża approssimattiva ta' dawn l-inġenji tammonta għal madwar € 2300.

Il-Kunsill qabel li ghandna niccekkjaw mal-haddiema assenjati maghna jekk ghandhomx l-abilita' li juzaw dan il-makkinarju qabel ma jinxtara halli ma jsirux spejjez zejda ghalxejn.

Is-Segretarju Ezekuttiv Ivan Attard gibed l-attenzjoni tal-Kunsill li jinsab infurmat li l-haddiema assenjati maghna mhux dejjem qed jilbsu t-taghmir protettiv kif rikjest mil-Ligi, liema taghmir gie provdut lilhom mill-Kunsill Lokali u li ghalih huma iffirmaw individwalment.

Fuq proposta tal-Kunsillier Victor Curmi, il-Kunsill qabel unanimament li ghandna ninfurmaw b'dan lis-*supervisor* taghhom, is-Sur Victor Xerri, sabiex jassigura li l-haddiema kollha qeghdin jilbsu dan it-taghmir u, fin-nuqqas ta' dan, jinhargu t-twissijiet necessarji li taghti l-Ligi ghal kazijiet simili. Dan bil-ghan li tithares is-sahha u s-sigurta' tal-haddiema kollha fuq il-lant tax-xoghol u anke jigu salvagwardjati l-interessi tal-Kunsill Lokali f'kaz li jinqala' xi incident waqt il-hinijet tax-xoghol.

45.3.13 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li matul il-ġimgħat li għaddew, terzi persuni li qatt ma ġew identifikati għamlu atti ta' vandaliżmu fuq it-tabelli tal-*one-way* li tpoġġew b'mod temporanju fi Triq il-Marġa sakemm isiru x-xogħlijiet neċessarji ta' manutenzjoni. Dan wara rakkomandazzjoni u parir tekniku tal-Perit tal-Kunsill, Edward Scerri, u bl-approvazzjoni tal-Kunsill fil-laqgħa b'urġenza li saret nhar it-Tnejn 6 ta' Diċembru 2021.

Is-Sindku qal li sar rapport lill-pulizija rigward dan l-att vandalu. Huwa qal li l-Perit Edward Scerri ipprepara l-istima tax-xogħlijiet rikjesti fi Triq il-Marġa u din ser titressaq għall-attenzjoni tal-Ministeru għal Għawdex. Din l-istima tammonta ghas-somma ta' 2.6 miljun Ewro.

Is-Sindku wiegeb li diga' informa lid-Direttur Generali Vicky Xuereb rigward din il-materja u ser tintalab laqgha mal-Ministeru rigward il-possibilita' li jigu ittakiljati l-aktar partijiet urgenti ta' din it-triq. Il-Vici Sindku Aaron Agius u l-Kunsillier Victor Zammit qalu li jkun ahjar li din

it-triq titranga kollha kemm hi, galadarba l-Ministeru ghal Ghawdex accetta li jimplimenta x-xoghlijiet necessarji. Is-Sindku qal li huwa jemmen li din hija x-xewqa ta' kull Kunsillier u ta' kull resident/a izda dan jiddependi totalment mill-*budget* li jista' jonfoq il-Ministeru ghal Ghawdex f'dan ir-rigward.

Il-Vici Sindku Aaron Agius irtira mil-laqgha fis-6.45pm.

**45.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

45.4.1 Il-Kunsillier Victor Curmi staqsa dwar kif ser tibqa' l-pozizzjoni tal-Kunsill rigward l-*issue* tal-*one way* il-gdida li saret fi Triq it-28 ta' April 1688. Huwa ghamel riferenza ghal kaz li gara ricentament fejn ambulanza ma setghetx tikkwartja f'parti kritika ta' dan it-triq u ghaldaqstant kellha tghaddi kontra l-linja.

Il-Kunsill qabel li ghandna nivverifikaw ma' Transport Malta biex naraw jekk ambulanza u vettura tat-tifi tan-nar tistax tghaddi kontra l-linja f'kazijiet ta' emergenza pubblika. Fir-rigward tat-talba li saret minn xi residenti sabiex ikun hemm eccezzjoni ghal din il-*one-way*, is-Sindku Dr. Christian Zammit qal li din il-materja ser iressaqha ghad-diskussjoni tal-Kunsill fil-laqgha li jmiss.

**45.5 Qari tal-Korrispondenza**

45.5.1 Ċirkulari numru SPI/SCI/9/2021 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2022'. Applikazzjonijiet għal dan l-iskema għandhom jiġu sottomessi sa mhux aktar tard minn nhar l-Erbgħa 26 ta' Jannar, 2022. Il-Kunsill innota li preżentament ma jistgħux jiġu organizzati attivitajiet kulturali minħabba ċ-ċirkostanzi relatati mal-pandemija tal-Covid-19.

45.5.2 E-mail mingħand Gordon Caruana b'informazzjoni dwar pubblikazzjoni ġdida li qed titnieda f'dawn il-ġranet bl-isem 'Tifkiriet'. Dan huwa ktieb ġdid ta' memorji orali ibbażati fuq riċerka u intervisti ta' għoxrin sena li xxandru fuq Radju Malta. Il-Kunsill qabel li ghandna nixtru kopja ta' dan il-ktieb ghal-librerija pubblika taghna.

45.5.3 Ċirkulari numru 001/2022 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Enemalta'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

45.5.4 Ċirkulari numru 002/2022 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Polza tal-Assigurazzjoni tal-Flus għall-Kunsilli Reġjonali u l-Kunsilli Lokali'. Il-Kunsill qabel li għandu jissieħeb f'din il-polza ta' assigurazzjoni għas-sena kurrenti, 2022.

45.5.5 E-mail mingħand id-Direttorat tat-Trasport fuq l-Art fi ħdan l-Awtorita' tat-Trasport li fiha qed jinforma lill-Kunsill Lokali tax-Xagħra li, b'effett minn nhar il-Ħadd 9 ta' Jannar 2022, ir-rotta tat-trasport pubbliku numru 322 ser tkun qed tiġi sospiża. Dan minħabba li numru kbir ta' xufiera jinsabu fi kwarantina. Din is-sospensjoni tibqa' fis-seħħ sakemm jinħareġ avviż ieħor. Il-Kunsill innota l-kontenut.

45.5.6 Ċirkulari numru 003/2022 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Personal Accident Policy'. Il-Kunsill qabel li għandu jinkludi lill-Kunsilliera attwali, lis-Segretarju Eżekuttiv u lill-*Assistant Principal* f'din il-polza ta' assigurazzjoni għas-sena kurrenti, 2022.

45.5.7 E-mail mingħand Marita Portelli, rappreżentanta tal-*Malta Crafts Foundation*, b'informazzjoni dwar il-Premju 'Ġieħ l-Artiġġjanat Malti'. Is-sottomissjonijiet għal dan il-Premju jagħlqu nhar il-Ġimgħa, 25 ta' Frar 2022. Il-Kunsill innota l-kontenut.

45.5.8 Ċirkulari numru 01/2022 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Allokazzjoni Finanzjarja għall-2022'. L-allokazzjoni finanzjarja annwali tal-Kunsill Lokali tax-Xagħra għas-sena kurrenti, 2022, ser tkun tammonta għas-somma ta' € 601,641. Il-Kunsill innota l-kontenut.

45.5.9 Ittra mingħand Mary Rose Bajada, Segretarja tal-Għaqda Nar Xagħra, li fiha qed titlob il-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tax-Xagħra fl-organizazzjoni ta' attivita' soċjo-kulturali fl-okkażjoni tal-Karnival. Din ser issir nhar il-Ġimgħa 25 ta' Frar 2022 fil-Każin tal-Banda. L-Għaqda qed titlob is-somma ta' € 500 bħala kollaborazzjoni f'din l-attivita'.

Il-Kunsill accetta din it-talba bil-kundizzjoni li l-attivita' msemmija jkollha l-approvazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti in vizta tas-sitwazzjoni attwali relatata mal-pandemija.

45.5.10 Ittra mingħand Mro. Antoine Mercieca, Direttur Artistiku / Fundatur tal-Fondazzjoni 'Santa Ċeċilja', li fiha qed jitlob lill-Kunsill Lokali tax-Xagħra sabiex jikkunsidra lill-Kor tiegħu għall-Kunċert tal-Milied ta' din is-sena (2022).

Il-Kunsill qabel li t-talba tieghu ghandha tigi ikkunsidrata ghas-sena 2023 sabiex fil-Milied ta' din is-sena, ikun hemm Kor mix-Xaghra li jippartecipa.

45.5.10 Ittra mingħand Mro. John Galea, Direttur Mużikali tal-*Chorus Urbanus*, li fiha qed jitlob lill-Kunsill Lokali tax-Xagħra sabiex jikkunsidra li jtella' Kunċert ta' Mużika Sagra fl-okkażjoni tal-Ġimgħa Mqaddsa fil-Knisja Bażilika ta' Marija Bambina. Dan peress li għat-tieni sena konsekuttiva, il-Kunċert tal-Milied li kellu jsir fil-Bażilika ġie kanċellat minħabba l-pandemija.

Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni ghal din it-talba u ser nitkellmu mal-Arcipriet tal-Parrocca biex naraw meta jista' jsir dan il-Kuncert.

45.5.11 Ittra mingħand is-Sur Joseph Bajada, Segretarju tas-Soċjeta' Filarmonika *Victory*, li fiha qed jitlob il-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tax-Xagħra fl-organizazzjoni ta' *tournament* tas-*snooker* fl-okkażjoni ta' Jum ix-Xagħra li jiġi ċċelebrat kull sena fit-28 ta' April. Is-Soċjeta' qed titlob is-somma ta' € 600 bħala kollaborazzjoni f'dan it-*tournament* sportiv.

Il-Kunsill accetta din it-talba bil-kundizzjoni li l-attivita’ msemmija jkollha l-approvazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti in vizta tas-sitwazzjoni attwali relatata mal-pandemija.

45.5.12 Ċirkulari numru 005/2022 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata ‘AKL Webinar – Info Session EU Funding Opportunities for Regional and Local Councils 26/01/2021’. Il-Kunsill innota l-kontenut.

45.5.13 Ċirkulari numru 006/2022 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata ‘Konsultazzjoni Futur tal-Ewropa’. Il-Kunsill innota l-kontenut.

45.5.14 E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali b’informazzjoni dwar opportunitajiet ta’ fondi għall-Kunsilli Lokali u l-Kunsilli Reġjonali – Għajnuna minn Servizzi Ewropej f’Malta (SEM)’. Il-Kunsill innota l-kontenut.

45.5.15 E-mail mill-Kummissjoni Interdjoċesana Ambjent fi ħdan l-Arċidjoċesi ta’ Malta b’informazzjoni dwar kors bit-tema ‘Developing Environmental Responsibility’. Il-Kunsill innota l-kontenut.

45.5.16 E-mail mid-Direttorat għall-Wirt Kulturali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex li fiha qed jistieden lill-Kunsilli Lokali, Parroċċi, NGOs, għaqdiet u individwi sabiex jibagħtu informazzjoni dwar inizjattivi u attivitajiet relatati mal-Għid li għandhom il-ħsieb li jorganizzaw għal dan l-istaġun. Id-dettalji għandhom jiġu sottomessi sa mhux aktar tard minn nhar it-Tnejn, 7 ta’ Frar 2022. Il-Kunsill innota l-kontenut.

45.5.17 Ċirkulari numru 007/2022 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata ‘Tabelli No Parking (Permessi Kunsilli Lokali)’. Il-Kunsill innota l-kontenut.

45.5.18 Ċirkulari numru 008/2022 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata ‘Organic waste reimbursements’. Il-Kunsill innota l-kontenut.

45.5.19 E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali b’informazzjoni dwar seminar li ser jittratta s-servizz eTranslation u suġġetti relatati. Dan is-seminar sar

virtwalment nhar il-Ġimgħa 21 ta' Jannar 2022. Il-Kunsill innota l-kontenut.

45.5.20 E-mail mingħand is-Sinjura Josianne Muscat, Direttur responsabbli mill-Proġetti Ambjentali fi ħdan 'Ambjent Malta', b'informazzjoni dwar tnedija ta' skema ġdida għall-Kunsilli Lokali intitolata 'Local Council Urban Greening Scheme 2022'. L-applikazzjonijiet għal din l-iskema jintlaqgħu sa mhux aktar tard minn nofsinhar tat-Tnejn 28 ta' Frar 2022.

Il-Kunsillier Victor Curmi propona li ghandna napplikaw ghal dawn il-fondi sabiex isir it-thaddir tal-hajt tal-iskola primarja 'Patri Mattew Sultana' tal-lokalita' taghna. Il-Kunsill qabel li l-ewwel ghandna nitolbu l-awtorizazzjoni tal-Ministeru tal-Edukazzjoni u nakkwistaw stima dettaljata tax-xoghlijiet involuti qabel ma napplikaw.

45.5.21 Ċirkulari numru SPI.SCI.1.2022 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Skema ta' Finanzjament għal żvilupp u titjib fil-kundizzjonijiet tal-playing fields fil-lokalitajiet f'Malta u Għawdex'. Applikazzjonijiet għal dan l-iskema jintlaqgħu sa mhux aktar tard minn nhar il-Ġimgħa 29 ta' April 2022. Il-Kunsill innota li diga' ibbenefikajna minn skema simili li harget matul is-sena li ghaddiet.

Il-Kunsillier Anthony Attard irtira mil-laqgha fis-7.00pm.

45.5.22 E-mail mingħand Michael Bongailas, President ta' TriGozo, li fiha qed jitlob il-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tax-Xagħra fl-organizazzjoni ta' SwinRun Series madwar Għawdex. It-tielet tellieqa ser tinżamm nhar is-Sibt 6 ta' Awwissu 2022 fil-bajja tar-Ramla l-Ħamra. Il-Kunsill accetta li jikkollabora fl-organizazzjoni ta' din l-attivita' bi spiza li ma teccedix is-somma ta' 250 Ewro.

45.5.23 E-mail mingħand Philip Schembri b'informazzjoni dwar kors tal-*Health & Safety* u *Fire Prevention* li jistgħu jsiru fl-uffiċini tal-Kunsill Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

45.5.24 E-mail mingħand Manuel Raffaelli, Teżorier tal-FECC, li fiha qed jistieden rappreżentanza mill-Kunsill sabiex tattendi għat-tnejn u erbgħin

konvenzjoni tal-FECC li ser issir f'Petange, il-Lussemburgu, bejn it-22 u d-29 ta' Mejju 2022. Il-ħlas hu ta' € 695 kull persuna u l-applikazzjonijiet jintlaqgħu sa mhux aktar tard mill-25 ta' Marzu, 2022.

Il-Kunsill qabel li din il-materja ghandha tigi diskussa fil-laqgha li jmiss.

45.5.25 Ittra mingħand Elvin Borg, President tal-Għaqda 'Milied fix-Xagħra', li fiha qed jirringrazzja lill-Kunsill Lokali tax-Xagħra għall-ko-operazzjoni tiegħu fl-organizazzjoni ta' numru ristrett ta' attivitajiet fix-Xagħra relatati ma' Żmien il-Milied. Il-Kunsill innota l-kontenut u irringrazzja lil din l-Għaqda għall-ħidma tagħha biex tkompli tirreklama lir-raħal tagħna bħala 'il-villaġġ tal-presepju'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

45.5.26 E-mail mingħand Jake Cutajar, uffiċjal tal-Aġenzija Sapport, b'informazzjoni dwar *support groups* għal adulti li għandhom familjari b'diżabilita'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

45.5.27 Ċirkulari numru 009/2022 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Save the date – LCA Plenary Conference'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

45.5.28 Ċirkulari numru 010/2022 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'European Capitals of Inclusion and Diversity Award'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

45.5.29 Ċirkulari numru 011/2022 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Regional Waste Management Consultations'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

45.5.30 E-mail minghand Svetlick Flores, Kap Ezekuttiv tal-LESA, li fiha qed jinforma lill-Kunsill Lokali tax-Xaghra li l-applikazzjoni taghna ghall-fondi sabiex jinxtara trakk ghall-uzu tal-Kunsill giet accettata u ser ninghataw is-somma ta' 38,000 Ewro ghal dan l-iskop.

Il-Kunsill irringrazzja lil-LESA ghal din l-ghotja finanzjarja u iddecieda li ghandu jinhareg it-*tender* necessarju wara li tkun ingabet l-approvazzjoni tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

45.5.31 E-mail minghand il-Perit Edward Scerri bl-istima ghax-xoghol ta' resurfacing ta' Triq il-Marga fil-lokalita' taghna. L-istima totali tammonta ghas-somma ta' 2.6 miljun Ewro VAT inkluza.

Din il-materja diga' giet diskussa aktar kmieni matul din il-laqgha u ser tintalab laqgha mad-Direttur Generali Vicky Xuereb u mal-Periti tal-Ministeru ghal Ghawdex dwar il-possibilita' li dawn ix-xoghlijiet jigu ffinanzjati min-naha tal-istess Ministeru.

45.5.32 E-mail minghand il-Perit Edward Scerri li fiha qed jinforma lill-Kunsill li l-familja Portelli qed toggezzjona ghas-sit maghzul sabiex issir *zebra crossing* ohra fi Vjal it-Tmienja ta' Settembru, faccata tal-Ghar ta' Ghejzu.

Il-Kunsill innota l-kontenut u qabel li ghandna ninkarigaw lill-Perit Edward Scerri sabiex jikkonsulta mar-residenti tat-triq sabiex jinstab sit alternattiv fejn tista' ssir din iz-*zebra crossing*.

**45.6 Ilmenti mir-residenti**

45.6.1 Talba mingħand Mary Rose Spiteri ta' Triq l-Għar ta' Xerri sabiex Triq il-Marġa tiġi *two way except for heavy vehicles*. Il-Kunsill innota din it-talba pero' ser jimxi fuq il-parir tekniku li nghata mill-Perit Edward Scerri u li dwaru diga' ttiehdet decizjoni.

45.6.2 Talba mingħand Josette Pace ta' Triq Ta' Vestru sabiex jitneħħa l-bank tal-injam li jinsab quddiem ir-residenza tagħha peress li xi nies jistgħu jaqbżu ċ-ċint tagħha minn fuq dan il-bank. Il-Kunsill qabel li ghandna naraw il-possibilita' li dan il-bank jigi rilokat minflok li jitnehha u dan ghall-beneficcju tar-residenti li jaghmlu uzu minnu.

45.6.3 Talba mingħand Joseph Buhagiar ta' Triq Patri Mattew Sultana sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar madwar metru fuq kull naħa tal-garaxx tar-residenza tiegħu. Il-Kunsill qabel li ghandna nressqu din it-talba ghall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

45.6.4 Talba mingħand Massimo Ferroleto ta’ 52, Triq Tas-Sruġ, sabiex titranġa bis-siment qagħda tal-ilma li hemm quddiem ir-residenza tiegħu. Il-Kunsill qabel li dan ix-xoghol ghandu jsir.

45.6.5 Talba mingħand Rita Montebello u Elizabeth Collier ta’ Block A Flat 12, The Grove, Triq Marsalforn, sabiex titwaħħal bozza ġdida maġenb ir-residenza tagħha peress li qed ikun hemm ħafna dlam. Il-Kunsill qabel li ghandna nibaghtu din it-talba ghall-approvazzjoni tal-Korporazzjoni Enemalta.

45.6.6 Talba mingħand il-Viċi Sindku Aaron Agius sabiex il-Kunsill Lokali tax-Xagħra japplika għad-devoluzzjoni tat-taraġ li hemm fil-bidu ta’ Triq Għajn il-Ġdida minħabba li jinsab fi stat ħażin. Il-Kunsill ma accettax din it-talba minhabba li diga’ kien hemm sentenza tal-Qorti f’dan ir-rigward matul is-sena li ghaddiet.

45.6.7 Talba minghand Silvana Sultana ta’ Luna Court Apartments, Triq Parisot, sabiex jigu estizi s-sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar li saru ricentament faccata ta’ din il-blokka *flats*. Dan peress li l-karozzi qed jipparkjaw fil-parti fejn ma sarux is-sinjali u l-karozzi tal-linja qed ikollhom johorgu ‘l barra mil-linja taghhom. Il-Kunsill qabel li ghandna nressqu din it-talba ghall-approvazzjoni ta’ Transport Malta.

45.6.8 Talba minghand il-Kunsillier Anthony Attard sabiex titwahhal mera gdida fi Triq Knisja faccata ta’ Triq Spiera (parti ta’ isfel). Il-Kunsill qabel li dan ix-xoghol ghandu jsir.

## 45.7 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti

45.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard ippreżenta l-iskeda ta’ pagamenti għall-konsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsilliera preżenti.

45.7.2 L-iskeda ta’ pagamenti kif preżentata ġiet approvata unanimament.

**45.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

45.8.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemm fis-7.30pm u ġiet aġġornata b'mod unanimu għal nhar il-Hamis 24 ta' Frar 2022 fil-5.30pm b'aġenda li tkun komunikata aktar 'il quddiem.

**IFFIRMATA** **IFFIRMATA**

**Dr. Christian Zammit**
**Sindku**

**Ivan Attard**
**Segretarju Eżekuttiv**